MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Numru. 1332/2009

**IL-PULIZJIA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**ANTHONY CORTIS, iben Saviour u Catherine nee' Bezzina, imwieled Haz Zebbug nhar l-14.04.1946, residenti fil-fond 12A, Triq Dwardu, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' numru 364346M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Anthony Cortis** li gie akkuzat talli nhar id-19 ta' Dicembru, 2009, ghall-habta ta' nofsinhar gewwa Triq Sant'Anna, Floriana:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghall-imsemmi Giuseppe

Farrugia detentur tal-karta tal-identita' numru 710333M, persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena kif ukoll tbati minn marda tal-gisem fi grad li minhabba fiha ma setax jiddefendi ruhu sew u kkagunalu offizi gravi skont kif iccertifikat minn Dr Michael Gonzi MD Reg 1616;

2. U aktar talli fl-istess hin, lok, u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, hebb kontra Giuseppe Farrugia sabiex jingurjah, idejqu u/jew jaghmillu hsara;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ingurja u/jew hedded lil Giuseppe Farrugia;

5. U aktar talli b'hekk Anthony Cortis irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat li gew mibghuta l-Artikoli minghand l-Avukat Generali u cioe':
a. Fl-Artikoli 214, 215, 216, u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 338(dd), 339(1)(d)(e)(i)(l)(n) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 17, 23, 30, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija dawn l-Artikoli, l-imputat iddikkjara n-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu ghal proceduri sommarji (folio 212).

Rat ukoll illi l-imputat moghti l-istess kunsens fis-seduta ta' wara, irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontra

tieghu. Gie ghalhekk mitlub u konsegwentement redatt Pre-Sentencing Report. Rat ghalhekk ir-rakkomandazzjonijiet tal-istess Ufficjal tal-Probation Gordon Grech:

"*L-akkuzi fil-konfront ta' Anthony Cortis jinkludu kkagunar ta' feriti gravi fuq persuna anzjana u recidivita'. Huwa ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontrih. L-informazzjoni f'dan ir-rapport tindika li Anthony Cortis ghandu bzonn ghajnuna fejn tidhol is-sahha mentali sabiex ikun jista' jiffunzjona tajjeb fis-socjeta' u sabiex ma jkunx ta' riskju ghalih u ghal haddiehor. Ghalhekk huwa mportanti li jigi assigurat li huwa jircievi din il-kura.*

*Fid-dawl tal-informazzjoni kollha migbura qed jigi ssuggerit lil din l-Onorabbli Qorti li Anthony Cortis jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva. Dan bil-hsieb li jigi kkunsidrat li matul dan il-perjodu ta' prigunerija l-ikkoncernat jaghmel xi zmien gewwa l-Forensic Ward fl-Isptar Monte Karmeli fejn ikun jista' jinghata l-kura u trattament.*"

Illi semghet ukoll lil dan l-Ufficjal tal-Probation dwar ir-relazzjoni prekarja li l-imputat igawdi mas-siehba tieghu li kienet sa certu punt il-katalist tal-aggressjoni tieghu versu l-vittma ta' din il-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta mix-xhieda prodotta li George Farrugia kien qieghed jiehu tazza te' il-kazin tal-Labour u jghid illi mexa minn hawn ghall-karozza - qal illi hawn ra lill-imputat li qabad xkupa li kienet ghand jew hdejn il-hanut tar-roti, l-imputat qabadha u beda jaghtih biha. Jghid dan Farrugia li bid-daqqiet qasamlu idu tax-xellug fi tliet bicciet u ghamillu tliet punti f'rasu. Qal ukoll illi hu lill-imputat qatt ma kien kellmu, pero li darba dahal il-hanut u qal lil tieghu (cioe' lill-mara partner tal-imputat), jekk kinx dan ix-xhud li qaghad imissha. Qal illi kien jarah u joqghod jghajru minn wara l-kantuniera. Zied dan ix-xhud illi hu lill-imputat ma

kinx jafu. Qal ukoll illi wara li tah xebgha xkupa telaq jigri b’tal-linja u harab.

Spjega wkoll illi bhala kura ghamlulu hadida f’idu, cioe’ ghalhekk gie operat.

Ghalhekk Dr Michael Gonzi xehed dwar il-griehi sofferti minn Farrugia li dan kellu ferita zghira fil-widna x-xellugija, kellu abrasion, girfa lineari fuq haddejh ix-xellugija, u kellu frattura tad-distel left radius.

Ix-xhud Charles De Flavia wkoll ikkonferma li hu ra hdejn il-kazin tal-Labour lill-imputat jaghti lic-China bl-ixkupa. Qal illi rah jaghtih bl-ixkupa.

Ikkonferma fil-fatt Paul Zahra li hu kellu hanut tar-roti u li kien ihalli barra xkupa li wara ra miksura bicciet mal-art. Qal illi hu ra lic-China mimli bid-demm.

Minn naha taghha s-siehba tal-imputat xehdet illi fil-fatt kien ic-China li segwihom u beda jhedded lill-imputat li kien ser jaghtih b’turnavit. Xehdet illi kien ghalhekk li l-imputat beda jiddefendi ruhu bil-lasta tal-ixkupa.

Dr Joseph Spiteri kkonkluda hekk fir-relazzjoni tieghu:

“*Kemm fil-prezent kif ukoll fil-passat, jigifieri fl-1998/1999, jidher li s-Sur Anthony Cortis kellu episodji ta’ paranoid disorder fejn kien ikun disturbat mentalment u kien jirreagixxi fuq id-deluzjonijiet tieghu. Huwa qatt ma jkun konsistenti mat-trattament li jinghata u jhoss illi ma jkollu bzonn xejn. Sfortunatament is-siehba tieghu ghandha fatturi li jzidu l-probabilta’ li dawn id-deluzjonijiet jissahhu. Ghaldaqstant huwa rakkomandat li s-Sur Anthony Cortis jinghata trattament antipsikotiku biex ikun jista’ jghinu f’dawn id-sitwazzjonijiet u ma jibqax jidhol f’inkwiet kif deskritt u relatat ma’ dan il-kaz.*”

Dwar il-piena, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-konkluzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation u dak li xehed u rraporta Dr Joseph Spiteri.

Jidher ferm car illi fil-fatt l-imputat huwa vera hati tal-feriti kkagunati fuq Galea, pero dan ghax instigat mill-illuzjonijiet tieghu kif instigati mill-kundizzjoni tieghu ta' paranoja, ghalhekk ghax huwa fil-fatt ghandu bzonn ghajnuna kif ben suggerit mill-Psikjatra Dr Joseph Spiteri.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **Anthony Cortis** hati tal-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216, u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 338(dd), 339(1)(d)(e)(i)(l)(n) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 23, 30, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din ilQorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-piena idonea ghandha tkun dik ta' piena karcerarja ta' sentejn(2) sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll illi s-Sur Anthony Cortis jitqieghed taht Ordni ta' Supervizjoni taht is-sorveljanza tal-ufficjal tal-Probation Gordon Grech ghal zmien sentejn(2), b'dan illi ghandha tigi nfurmata bl-andament tas-Sur Anthony Cortis permezz ta' rapport bil-miktub kull 3 xhur;
Is-Sur Anthony Cortis ghandu wkoll ikun taht il-kura psikjatrika ta' Dr Joseph Spiteri ghal sentejn(2) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------